MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-7 ta' Awwissu, 2008

Numru. 720/2008

**Il- Pulizija**
**(Spettur James Grech)**

**-vs-**

**Josephine Al-Suleyman**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Josephine Al-Suleyman xebba Debono ta’ 33 sena, bint il-mejjet Francis Debono u Maria Assunta nee’ Agius imwielda Vittoriosa fis-26 ta’ Gunju, 1975 residenti 49, Triq Erin Serracino-Inglott, Bormla **u** detentrici tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 361075(M).

Akkuzata talli:

Nhar is-16 ta' Novembru 2007 ghal-habta tas-13:20hrs, gewwa l-Belt Valletta, b'diversi atti maghmulin minna li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rezoluzzjoni wahda,

1. ghamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqot pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahlet dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi ziedet jew bidlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jipprivaw u cioe' ghamlet flasifikazzjoni tal-firma ta' Juanita Muscat ghad-dertiment ta' l-istess Juanita Muscat ID 352986M u persuni ohra u aktar talli xjentement ghamel uzu mill-istess atti, skritturi jew kitba falza u dan bi ksur ta' l-Artikoli 183 u 184 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqediet b'qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlet qligh ta' aktar minn LM100 (Euro 232.94) ghad-dannu ta' Juanita Muscat ID 352986M u persuni ohra u dan bi ksur ta' l-Artikoli 308 u 3l0(l) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta
3. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkommettiet serq ta' flus liema ammont jeccedi LM100 (Euro232.94) izda mhux iktar minn Euro2329.37 agravat bil-valur, ghad-detriment ta' Juanita Muscat ID 352986M u persuni ohra u dan bi ksur ta' Artikoli 261 u 267 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. u aktar talli fl-istess zmien laqat ghanda jew xtrat hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akwistati b'reat u dan bi ksur ta' Artikolu 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, Josephine Al-Suleyman assocjat ruha ma Raymond Vella

detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 361075M bil-ghan li jaghmlu delitt u dan bi ksur ta' Artikolu 48A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement ghenet jew assistiet lil Raymond Vella, fl-atti li bihom id-delitt gie ippreparat jew ikkunsmat u dan bi ksur ta' Artikolu 42(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. u aktar talli fil-15 ta' Novembru 2008 gewwa Bormla sabet BOV Cashlink li kienet naqet jew intilfet lil Juanita Muscat ID 352986M u m'gharrfitx biha fi zmien tlett ijiem lill-Pulizija Esekuttiva u dan bi ksur ta' Artikolu 340(c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikoli 48A, 42(d), 183, 184, 261(c), 267, 308, 310(1)(b), 334 u 340(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputata ma kellhiex oggezzjoni li dan il-kaz jigi hekk trattat.

Rat li f'l-ewwel udjenza mimuma l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha hlif ghar-raba wahda u kkonfermat din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtha zmien tikkunsidra l-pozizzjoni taghha.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijet kollha migjuba kontra taghha hlif ghar-raba imputazzjoni (cioe dik ta' ricettazzjoni) dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi l-prosekuzzjoni ddikjarat li r-raba imputazzjoni hija alternattiva ghat-tielet imputazzjoni, li giet ammessa mill-imputata, il-Qorti ghalhekk sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-raba imputazzjoni.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati, l-koperazzjoni ta' l-imputata mal-pulizija, l-

ammissjoni taghha f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, l-fedina penali ta' l-imputata u d-dikjarazzjoni taghha li hija lesta fi zmien qasir tirrifondi dik il-parti tar-refurtiva li zammet hi.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-48A, 42(d), 183, 184, 261(c), 267, 308, 310(1)(b), u 340(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ssib lill-imputata hatja ta'l-imputazzjoni kollha hlif ghar-raba wahda u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kap 446 tpoggi lill-imputata taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' sena taht il-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment inkluz dak li thallas is-somma ta' €122.40 lid-derubata. Peress li r-raba imputazzjoni hija alternattiva ghat-tielet il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Il-Qorti spjegat lill-hatja Josephine Al-Suleyman fi kliem car ir-responsabbilta taghha u x'jigri jekk hija tikkommetti reat li ghalih ikun hemm piena ta' prigunerija waqt il-perjodu ta' sena.

Il-Qorti tordna li kopja tas-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Ufficcju tal-*Probation* sa biex jigi assenjat ufficjal responsabbli ghas-sorveljanza tal-hatja.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM-------------------------------